	Sors: Razza ġenetikament modifikata tal-*Aspergillus niger* (GEP-44) **Deskrizzjoni:** Il-prolil oligopeptidaži hija disponibbli bħala preparazzjoni enzimatika li jkun fiha madwar 30 % maltodestrina. **Speċifikazzjonijiet tal-preparazzjoni enzimatika tal-prolil oligopeptidaži:** Attività: > 580 000 PPI([1])/g (> 34,8 PPU([2])/g) Dehra: Mikrogranulat Kulur: Abjad miksur għal oranġjo safrani. Il-kulur jista' jinbidel minn lott għal lott Materja Niexfa: > 94 % Glutina: < 20 ppm **Metalli tqal:** Ċomb: ≤ 1,0 mg/kg Arseniku: ≤ 1,0 mg/kg Kadmju: ≤ 0,5 mg/kg Merkurju: ≤ 0,1 mg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali tal-kolonji aerobiċi: ≤ 10^3 CFU/g Ħmira u moffa totali: ≤ 10^2 CFU/g Anerobi li jnaqqsu s-sulfat: ≤ 30 CFU/g *Enterobacteriaceae*: < 10 CFU/g *Salmonella*: Assenti f'25 g *Escherichia coli*: Assenti f'25 g *Staphylococcus aureus*: Assenti f'10 g *Pseudomonas aeruginosa*: Assenti f'10 g *Listeria monocytogenes*: Assenti f'25 g Attività antimikrobika: Nieqsa Mikotossini: Taħt il-limiti ta' detezzjoni: Aflatossina B1, B2, G1, G2 (< 0,25 µg/kg), Aflatossini totali (< 2,0 µg/kg), Okratossina A (< 0,20 µg/kg), Tossina T-2 (< 5 µg/kg), Żearalenon (< 2,5 µg/kg), Fumoniżina B1 u B2 (< 2,5 µg/kg) ([1]) PPI – Protease Picomole International ([2]) PPU – Prolyl Peptidase Units (Unitajiet tal-Prolilpeptidaži) jew Proline Protease Units (Unitajiet tal-Proteaži Prolina)

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Estratt ta' proteina mill-kliewi tal-qżieqeż	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-estratt tal-proteina jinkiseb mill-kliewi omoġenizzati tal-qżieqeż permezz ta' taħlita ta' preċipitazzjoni bil-melħ u ċentrifugazzjoni b'veloċità qawwija. Il-preċipitat li jinkiseb fih essentjalment il-proteini b'7 % tal-enzima dijamminossidaži (nomenklatura tal-enzimi E.C. 1.4.3.22) u jerġa jiġi sospiż f'sistema ta' bafer fiżjoloġika. L-estratt tal-kliewi tal-qżieqeż li jinkiseb jingħata l-forma ta' gerbub u jinkesa b'kapsula b'kisja enterika sakemm jasal fis-siti ta' diġeriment attivi. Prodott Bażiku: Speċifikazzjoni: selezzjoni misluta mill-proteina tal-kliewi tal-qżieqeż b'kontenut naturali ta' dijamminossidaži (DAO): Kundizzjoni fiżika: likwidu Kulur: fil-kannella Dehra: soluzzjoni daqsxejn imdardra Valur tal-pH: 6,4-6,8 Attività enzimatika: > 2 677 kHDU DAO/ml (DAO REA (DAO Assaġġ bir-radjoestrazzjoni)) **Kriterji mikrobijoloġiċi:** *Brachyspira* spp.: negattiv (reazzjoni katina bil-polimeraži f'ħin reali) *Listeria monocytogenes*: negattiv (reazzjoni katina bil-polimeraži f'ħin reali) *Staphylococcus aureus*: < 100 CFU/g Influwenza A: negattiv (traskriptaži inversa u reazzjoni katina bil-polimeraži f'ħin reali) *Escherichia coli*: < 10 CFU/g Għadd tal-kolonji aerobiċi totali: < 10^5 CFU/g Ammont ta' ħmira u moffa: < 10^5 CFU/g *Salmonella*: Assenti f'10 g Enterobacteriaceae reżistenti għall-imluħa biljuži: < 10^4 CFU/g **Prodott finali:** Silta speċifikata mill-proteina tal-kliewi tal-qżieqeż b'kontenut naturali ta' DAO (E.C. 1.4.3.22) f'formulazzjoni b'kisja enterika: Kundizzjoni fiżika: solida Kulur: isfar jagħti fil-griż Dehra: gerbub mikro Attività enzimatika: gerbub 110-220 kHDU DAO/g (DAO REA (DAO Assaġġ bir-radjoestrazzjoni)) Stabbiltà fl-aċidu 15-il minuta 0,1M HCI segwit minn 60 minuta Borat pH = 9,0: gerbub > 68 kHDU DAO/g (DAO REA (DAO Assaġġ bir-radjoestrazzjoni))

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Umdità: < 10 % *Staphylococcus aureus*: < 100 CFU/g *Escherichia coli*: < 10 CFU/g Għadd tal-kolonji aerobiċi totali: < 10^4 CFU/g Ħmira u moffa totali f'daqqa: < 10^3 CFU/g *Salmonella*: Assenti f'10 g Enterobacteriaceae reżistenti għall-imluħa biljużi: < 10^2 CFU/g
▼M10 **Melħ tad-disodju pirrokinolina kinon**	**Definizzjoni:** Isem kimiku: disodju 9-karbossi-4,5-diosso-1*H*-pirrolo[5,4-f]kinolin-2,7-dikarbossilat Formula kimika: $C_{14}H_4N_2Na_2O_8$ Nru CAS: 122628-50-6 Piż molekulari: 374,17 Da **Deskrizzjoni** Il-melħ tad-disodju pirrokinolina kinon huwa trab kannella fl-aħmar prodott mill-batterju mhux ġenetikament modifikat tar-razza *Hyphomicrobium denitrificans* CK-275. **Karatteristiċi/Kompożizzjoni** Dehra: Trab kannella fl-aħmar Purità: ≥ 99,0 % (piż xott) Assorbiment UV (A322/A259): 0,56 ± 0,03 Assorbiment UV (A233/A259): 0,90 ± 0,09 Ndewwa: ≤ 12,0 % **Solvent residwu** Etanol: ≤ 0,05 % **Metalli tqal** Ċomb: < 3 mg/kg Arseniku: < 2 mg/kg

▼M10

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Kriterji mikrobijoloġiċi: Għadd totali ta' ċelloli vijabbli: ≤ 300 CFU/g Moffa/ħmira ≤ 12 CFU/g Koliformi: nieqsa f'1 g *Hyphomicrobium denitrificans*: ≤ 25 CFU/g CFU: Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji

▼M9

Żejt tal-kolza li fih ħafna materja insaponifikabbli	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Żejt tal-kolza li fih ħafna materja insaponifikabbli jiġi prodott minn distillazzjoni bil-vakwu u jvarja miż-żejt tal-kolza raffinat minħabba l-konċentrazzjoni tal-frazzjoni insaponifikabbli (1 g fiż-żejt tal-kolza raffinat u 9 g fiż-"żejt tal-kolza b'ħafna materja insaponifikabbli"). Hemm kemxejn inqas trigliċeridi li fihom l-aċidi xaħmin monoinsaturati u poliinsaturati. **Purità:** Materja insaponifikabbli: > 7,0 g/100 g Tokoferoli: > 0,8 g/100 g α-tokoferol (%): 30-50 % γ-tokoferol (%): 50-70 % δ-tokoferol (%): < 6,0 % Steroli, alkoħol triterpeniku, metilsteroli: > 5,0 g/100 g **Aċidi xaħmin fit-trigliċeridi:** aċidu palmitiku: 3-8 % aċidu stearikuu: 0,8-2,5 % aċidu olejku: 50-70 % aċidu linolejku: 15-28 % aċidu linoleniku: 6-14 % aċidu eruċiku: < 2,0 % Valur aċiduż: ≤ 6,0 mg KOH/g Valur tal-perossidu (PV): ≤ 10 mEq O_2/kg

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Metalli tqal: Ħadid (Fe): < 1 000 µg/kg Ram (Cu): < 100 µg/kg **Impuritajiet**: Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH) Benżo(a)piren: < 2 µg/kg Jenħtieġ it-trattament bil-karbonju attiv biex jiġi żgurat li l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH) ma jinżidux fil-produzzjoni taż-żejt tal-kolza li fih ħafna materja insaponifikabbli.
Proteina taż-żejt tal-kolza	**Definizzjoni:** Il-proteina tal-kolza hija estratt milwiem li fih ħafna proteini li jinkiseb minn pasta tal-kolza li toriġina mill-*Brassica napus* L. u mill-*Brassica rapa* L. mhux ġenetikament modifikati. **Deskrizzjoni:** Trab imnixxef bl-atomizzazzjoni, ta' lewn abjad għal abjad miksur Ammont totali ta' proteina: ≥ 90 % Proteina solubbli: ≥ 85 % Ndewwa: ≤ 7,0 % Karboidrati: ≤ 7,0 % Xaħam: ≤ 2,0 % Rmied: ≤ 4,0 % Fibra: ≤ 0,5 % Ammont totali ta' glukosinolati: ≤ 1 mmol/kg **Purità:** Ammont totali ta' fitat: ≤ 1,5 % Ċomb: ≤ 0,5 mg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Ammont ta' ħmira u moffa: ≤ 100 CFU/g Għadd ta' batterji aerobiċi: ≤ 10 000 CFU/g Għadd totali ta' koliformi: ≤ 10 CFU/g *Escherichia coli:* Assenti f'10 g *Salmonella*: Assenti f'25 g

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
▼M17	
Konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli	**Deskrizzjoni** Il-konċentrat raffinat tal-peptidi tal-gambli huwa taħlita ta' peptidi miksuba mil-qxur u l-irjus tal-gambli tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) permezz ta' sensiela ta' passi ta' purifikazzjoni wara l-proteolisi enżimatika bl-użu ta' proteażi mill-*Bacillus licheniformis* u/jew mill-*Bacillus amyloliquefaciens*. **Karatteristiċi/Kompożizzjoni** Total ta' Materja niexfa (%): ≥ 95,0 % Peptidi (piż skont il-piż tal-materja niexfa): ≥ 87,0 % li minnhom peptidi b'piż molekulari ta' < 2 kDa: ≥ 99,9 % Xaħam (piż skont il-piż): ≤ 1,0 % Karboidrati (piż skont il-piż): ≤ 1,0 % Rmied (piż skont il-piż): ≤ 15,0 % Kalċju: ≤ 2,0 % Potassju: ≤ 0,15 % Sodju: ≤ 3,5 % **Metalli tqal** Arseniku (inorganiku): ≤ 0,22 mg/kg Arseniku (organiku): ≤ 51,0 mg/kg Kadmju: ≤ 0,09 mg/kg Ċomb: ≤ 0,18 mg/kg Total tal-merkurju: ≤ 0,03 mg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali ta' ċelloli vijabbli: ≤ 20 000 CFU/g *Salmonella*: ND/25 g *Listeria monocytogenes*: ND/25 g *Escherichia coli*: ≤ 20 CFU/g Pożittiv għall-koagulaži *Staphylococcus aureus:* ≤ 200 CFU/g *Pseudomonas aeruginosa*: ND/25 g Moffa/ħmira: ≤ 20 CFU/g CFU: Colony Forming Units (Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji) ND: Not Detectable (Mhux traċċabbli)

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Transresveratrolu	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** *It-Trans-resveratrolu* ***sintetiku*** *għandu l-għamla ta' kristalli ta' lewn abjad miksur għal abjad jagħti fil-kannella.* Isem kimiku: 5-[(E)-2-(4-idrossifenil)etenil]benżen-1,3-diol Formula kimika: $C_{14}H_{12}O_3$ Piż molekulari: 228,25 Da Nru CAS: 501-36-0 **Purità:** *Trans*-resveratrolu: ≥ 98 %-99 % Total ta' prodotti sekondarji (sustanzi relatati): ≤ 0,5 % Kwalunkwe sustanza waħda relatata: ≤ 0,1 % Rmied issulfat: ≤ 0,1 % Telf mat-tnixxif: ≤ 0,5 % **Metalli tqal:** Ċomb: ≤ 1,0 ppm Merkurju: ≤ 0,1 ppm Arseniku: ≤ 1,0 ppm **Impuritajiet:** Diisopropilammina: ≤ 50 mg/kg ***Sors mikrobjali***: Razza ġenetikament modifikata ta' *Saccharomyces cerevisiae* Dehra: Trab ta' lewn abjad miksur għal isfar ċar Id-daqs tal-partikoli: 100 % inqas minn 62,23 μm Kontenut tat-Trans-resveratrolu: Minimu ta' 98 % w/w (abbażi ta' piż niexef) Rmied: Massimu ta' 0,5 % w/w Ndewwa: Massimu ta' 3 % w/w
Estratt mill-għalla tas-serduq	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-estratt mill-għalla tas-serduq jinkiseb mill-*Gallus gallus* permezz tal-idrolisi enżematika tal-għalla tas-serduq u permezz ta' stadji sussegwenti ta' filtrazzjoni, konċentrazzjoni u preċipitazzjoni. Il-kostitwenti prinċipali tal-estratt mill-għalla tas-serduq huma glikosaminoglikani, aċidu jaluroniku, sulfat tal-kondrojtin A u sulfat tad-dermatan (sulfat tal-kondrojtin B). Trab igroskopiku abjad jew kważi abjad.

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Aċidu ħjaluroniku: 60-80 % Sulfat tal-kondrojtin A: ≤ 5,0 % Sulfat tad-dermatan (Sulfat tal-kondrojtin B): ≤ 25 % pH: 5,0-8,5 **Purità:** Kloruri: ≤ 1,0 % Nitroġenu: ≤ 8,0 % Telf mat-tnixxif: (105 °C għal 6 sigħat): ≤ 10 % **Metalli tqal:** Merkurju: ≤ 0,1 mg/kg Arseniku: ≤ 1,0 mg/kg Kadmju: ≤ 1,0 mg/kg Kromju: ≤ 10 mg/kg Ċomb: ≤ 0,5 mg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali tal-batterji aerobiċi vijabbli: ≤ 10^2 CFU/g *Escherichia coli*: Assenti f'1 g *Salmonella*: Assenti f'1 g *Staphylococcus aureus*: Assenti f'1 g *Pseudomonas aeruginosa*: Assenti f'1 g
Żejt tas-Sacha Inchi mill-*Plukenetia volubilis*	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Iż-żejt tas-Sacha Inchi huwa żejt veġetali ppressat 100 % fil-kiesaħ li jinkiseb miż-żerriegħa tal-*Plukenetia volubiis* L. Huwa likwidu trasparenti li jleqq f'temperatura ambjentali. It-togħma tiegħu hija ħafifa u tagħti fil-frott u fil-ħxejjex ħodor, mingħajr ebda togħma mhux pjaċevoli. Dehra, limpidezza, leqqaġni, kulur: F'temperatura ambjentali dan iż-żejt huwa ġieri, nadif, ileqq u ta' lewn id-deheb safrani Riħa u togħma: Frott u ħaxix, mingħajr togħmiet jew irwejjaħ mhux pjaċevoli

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Purità: Ilma u Volatili: < 0,2 g/100 g Impuritajiet insolubbli fl-eżan: < 0,05 g/100 g Aċidità oleika: < 2,0 g/100 g Valur tal-perossidu (PV): < 15 meq O_2/kg Aċidi xaħmin trans: < 1,0 g/100 g Total tal-aċidi xaħmin insaturati: > 90 % Aċidu alfa-linoleniku Omega 3 (ALA): > 45 % Aċidi xaħmin saturati: < 10 % Ma fihx aċidi xaħmin trans (< 0,5 %) Ma fihx aċidu eruċiku (< 0,2 %) Aktar minn 50 % ta' trigliċeridi tri-linolenin u di-linolenin Kompożizzjoni u livell tal-fitosteroli Ma fihx kolesterol (< 5,0 mg/100 g)
Salatrimi	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-kelma Salatrim hija l-akronimu magħruf internazzjonalment għal (molekuli tat-trigliċerid aċil bi ktajjen qosra u twal). Is-salatrim jinħadem permezz tal-interesterifikazzjoni mhux enzimatika tat-triaċetina, tat-tripropjonina, tat-tributirina, jew ta' taħlitiet tagħhom maż-żejt idroġenizzat tal-kolza, tal-fażola tas-sojja, taż-żerriegħa tal-qoton, jew tal-ġirasol. Deskrizzjoni: Likwidu luċidu, ta' lewn jagħti fl-ambra li jista' jasal sa solidu ċerulju ta' lewn ċar f'temperatura ambjentali. Ma fihx partikoli li jagħtu riħa stramba jew qarsa. Distribuzzjoni tal-esteri tal-gliċerolu: Triagliċeroli: > 87 % Diaċilgliċeroli: ≤ 10 % Monoaċigliċeroli: ≤ 2,0 % Kompożizzjoni tal-aċidu xaħmi: MOLE % LCFA (aċidi xaħmin b'katina twila): 33-70 %

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	MOLE % SCFA (aċidi xaħmin b'katina qasira): 30-67 % Aċidi xaħmin saturati b'katina twila: < 70 % skont il-piż Aċidi xaħmin trans: ≤ 1,0 % Aċidi xaħmin ħielsa espressi bħala aċidu olejku: ≤ 0,5 % Profil tat-triaċilgliċerolu: Triesteri (qosra/twal ta' 0,5 sa 2,0): ≥ 90 % Triesteri (qosra/twal = 0): ≤ 10 % Materjal insaponifikabbli: ≤ 1,0 % Ndewwa: ≤ 0,3 % Rmied: ≤ 0,1 % Kulur: ≤ 3,5 Aħmar (Lovibond) Valur tal-perossidu (PV): ≤ 2,0 Meq/Kg
Żejt tas-*Schizochytrium sp.* li fih ħafna DHA u EPA	Valur aċiduż: ≤ 0,5 mg KOH/g Valur tal-perossidu (PV): ≤ 5,0 meq/kg żejt Stabbiltà ossidattiva: Il-prodotti kollha tal-ikel li fihom iż-żejt tas-*Schizochytrium sp.* b'kontenut għoli ta' DHA u EPA jenħtieġ li juru l-istabbiltà ossidattiva permezz ta' metodoloġija tal-ittestjar xierqa u rikonoxxuta fil-livell nazzjonali/internazzjonali (eż. AOAC) Ndewwa u volatili: ≤ 0,05 % Materjal insaponifikabbli: ≤ 4,5 % Aċidi xaħmin trans: ≤ 1 % Kontenut ta' DHA: ≥ 22,5 % Kontenut ta' EPA: ≥ 10 %

▼M26

Żejt tas-*Schizochytrium* sp. (ATCC PTA-9695)	L-ikel il-ġdid jinkiseb mir-razza ATCC PTA-9695 tal-mikroalgi *Schizochytrium* sp. Valur tal-perossidu (PV): ≤ 5,0 meq/kg żejt Materjal insaponifikabbli: ≤ 3,5 % Aċidi xaħmin trans: ≤ 2,0 % Aċidi xaħmin liberi: ≤ 0,4 % Aċidu dokosapentaenojku (DPA) n-6: ≤ 7,5 % Kontenut ta' DHA: ≥ 35 %

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Żejt tas-*Schizochytrium* sp.	Valur aċiduż: ≤ 0,5 mg KOH/g Valur tal-perossidu (PV): ≤ 5,0 meq/kg żejt Ndewwa u volatili: ≤ 0,05 % Materjal insaponifikabbli: ≤ 4,5 % Aċidi xaħmin trans: ≤ 1,0 % Kontenut ta' DHA: ≥ 32,0 %
▼M42 **Żejt tas-*Schizochytrium* sp. (T18)**	Valur tal-aċidu: ≤ 0,8 mg KOH/g Valur tal-perossidu (PV): ≤ 5,0 meq/kg żejt Ndewwa u volatili: ≤ 0,05 % Materjal insaponifikabbli: ≤ 3,5 % Aċidi xaħmin trans: ≤ 2,0 % Aċidi xaħmin liberi: ≤ 0,4 % Kontenut ta' DHA: ≥ 35 %
▼M22 **Il-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench.** **(Ikel tradizzjonali minn pajjiż terz)**	**Deskrizzjoni/Definizzjoni** L-ikel tradizzjonali huwa l-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench (tal-ġeneru *Sorghum*; tal-familja *Poaceae* (alt. *Gramineae*)). Il-ġulepp jinkiseb miz-zkuk tas-*S. bicolor*, wara li jsiru l-proċessi tal-produzzjoni bħat-tgħaffiġ, l-estrazzjoni u l-evaporazzjoni li tinkludi trattament bis-sħana biex jinkiseb ġulepp b'minimu ta' 74 Brix **Id-*data* dwar il-kompożizzjoni tal-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench** Ilma: 22,7 g/100 g Rmied: 2,4 Total ta' żokkor: > 74,0 g/100 g
▼M9 **Estratt tal-fażola tas-sojja ffermentata**	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-estratt mill-fażola tas-sojja ffermentata huwa trab mingħajr riħa u ta' lewn abjad ħalib. Huwa magħmul minn 30 % trab tal-estratt tal-fażola tas-sojja ffermentata u 70 % ta' destrina reżistenti (bħala trasportatur) mil-lamtu tal-qamħirrum, li jinżied waqt l-ipproċessar. Il-Vitamina K_2 titneħħa waqt il-proċess tal-manifattura. L-estratt tal-fażola tas-sojja ffermentata fih in-nattokinaži iżolata minn natto, oġġett tal-ikel prodott mill-fermentazzjoni ta' fażola tas-sojja mhux ġenetikament modifikata (*Glycine max* (L.)) b'razza magħżula ta' *Bacillus subtilis* var. natto. Attività nattokinaži: 20 000 sa 28 000 unità ta' degradazzjoni tal-fibrina f'kull gramma([1]) Identità: Affermabbli Kundizzjoni: Mingħajr togħmiet jew irwejjaħ offensivi Telf mat-tnixxif: ≤ 10 % Vitamina K_2: ≤ 0,1 mg/kg

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Metalli tqal: Ċomb: ≤ 5,0 mg/kg Arseniku: ≤ 3,0 mg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali tal-batterji aerobiċi vijabbli: ≤ 10^3 CFU[(3)]/g Ħmira u moffa: ≤ 10^2 CFU/g Koliformi: ≤ 30 CFU/g Batterji li jifformaw l-ispori: ≤ 10 CFU/g *Escherichia coli*: Assenti f'25 g *Salmonella*: Assenti f'25 g *Listeria*: Assenti f'25 g ([1]) Metodu tal-assaġġ kif deskritt minn Takaoka et al. (2010).

▼M41

Estratt tas-sufara tal-qamħ li fih ħafna spermidina (*Triticum aestivum*)	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-estratt tas-sufara tal-qamħ li fih ħafna spermidina jinkiseb mis-sufara tal-qamħ li mhux iffermentata u li ma tkunx qed tinbet (*Triticum aestivum*) permezz tal-proċess ta' estrazzjoni solidu-likwidu li jimmira speċifikament, iżda mhux esklużivament, il-poliammini. Spermidina:(N- (3-amminopropil)butan-1,4-diammina): 0,8–2,4 mg/g Spermina: 0,4-1,2 mg/g Triklorur tal-ispermidina < 0,1 µg/g Putrexxina: < 0,3 mg/g Kadaverina: ≤ 16,0 µg/kg **Mikotossini:** Aflatossini (total): < 0,4 µg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Batterji aerobiċi totali: < 10 000 CFU/g Ħmira u moffa: < 100 CFU/g *Escherichia coli:* < 10 CFU/g *Salmonella:* Assenti f'25 g *Listeria monocytogenes:* Assenti f'25 g

▼M9

Sukromalt	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Is-sukromalt huwa taħlita kumplessa ta' sakkaridi li tinħadem mis-sukrożju u minn idroliżat tal-lamtu permezz ta' reazzjoni enzimatika. F'dan il-proċess, l-unitajiet tal-glukożju jeħlu mas-sakkaridi mill-idroliżat tal-lamtu permezz ta' enzima li jipproduċi l-batterju *Leuconostoc citreum* jew permezz ta' razza rikombinanti tal-organiżmu ta' produzzjoni l-*Bacillus licheniformis*. L-oligosakkaridi li jirriżultaw minn dan huma kkaratterizzati mill-preżenza tal-komposti glikosidiċi α-(1→6) u α-(l→3). Il-prodott ġenerali huwa xropp li barra dawn l-oligosakkaridi fih il-fruttożju b'mod ewlieni, iżda fih ukoll id-disakkarid lewkrożju u disakkaridi oħrajn. Solidi totali: 75-80 %

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Ndewwa: 20-25 % Sulfatażju: Massimu ta’ 0,05 % pH: 3,5-6,0 Konduttività < 200 (30 %) Nitroġenu < 10 ppm Fruttożju: 35-45 % piż niexef Lewkrożju: 7-15 % piż niexef Disakkaridi oħrajn: Massimu ta’ 3 % Sakkaridi aktar għoljin: 40-60 % piż niexef
Fibra mill-kannamiela	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-fibra mill-kannamiela tinkiseb mill-ħitan xotti taċ-ċelloli jew minn residwu fibruż li jifdal wara l-espressjoni jew l-estrazzjoni tal-meraq taz-zokkor mill-kannamiela, tal-ġenotip tas-Sakkarum. Din tikkonsisti primarjament miċ-ċellulożа u mill-emiċelluloża. Il-proċess tal-produzzjoni fih bosta passi, fosthom: it-tqattigħ, id-diġestjoni alkalina, it-tneħħija tal-linjini u ta’ komponenti oħrajn li mhumiex taċ-ċellulożа, l-ibbliċjar tal-fibri ppurifikati, il-ħasil bl-aċidu u n-newtralizzazzjoni. Ndewwa: ≤ 7,0 % Rmied: ≤ 0,3 % Fibra totali (AOAC) niexfa (kollha insolubbli): ≥ 95 % li minnhom: Emiċelluloża (20-25 %) u ċellulożа (70-75 %) Siliċe (ppm): ≤ 200 Proteina: 0,0 % Xaħam: Traċċa pH: 4-7 **Metalli tqal:** Merkurju (ppm): ≤ 0,1 Ċomb (ppm): ≤ 1,0 Arseniku (ppm): ≤ 1,0 Kadmju (ppm): ≤ 0,1 **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Ħmira u moffa (CFU/g): ≤ 1 000 *Salmonella*: Assenti *Listeria monocytogenes*: Assenti

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Estratt taż-żejt tal-ġirasol	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-estratt mill-ġirasol jinkiseb b'fattur ta' konċentrazzjoni ta' 10 tal-frazzjoni insaponifikabbli taż-żejt tal-ġirasol irfinut estratt miż-żerriegħa tal-ġirasol, *Helianthus Annuus* L. **Kompożizzjoni:** Aċidu olejku (C18:1): 20 % Aċidu linolejku (C18:2): 70 % Materja insaponifikabbli: 8,0 % Fitosteroli: 5,5 % Tokoferoli: 1,1 %
Mikroalgi *Tetraselmis chuii* mnixxfa	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-prodott imnixxef jinkiseb mill-mikroalgi marini *Tetraselmis chuii*, tal-familja *Chlorodendraceae* li jiġu kkultivati fl-ilma baħar sterili ġo bijoreatturi magħluqin li huma insulati mill-arja ta' barra. **Purità/Kompożizzjoni:** Identifikat permezz tal-markatur nukleari rDNA 18 S (is-sekwenza analizzat mhux inqas minn 1 600 par bażiku) fil-bażi tad-*data* taċ-Ċentru Nazzjonali għall-informazzjoni Bijoteknoloġika (National Centre for Biotechnology information - NCBI): Mhux anqas minn 99,9 % Umdità: ≤ 7,0 % Proteini: 35-40 % Rmied: 14-16 % Karboidrati: 30-32 % Fibra: 2-3 % Xaħam: 5-8 % Aċidi xaħmin saturati: 29-31 % tat-total tal-aċidi xaħmin Aċidi xaħmin monoinsaturati: 21-24 % tat-total tal-aċidi xaħmin Aċidi xaħmin poliinsaturati: 44-49 % tat-total tal-aċidi xaħmin Jodju: ≤ 15 mg/kg

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
***Therapon barcoo*/Scortum**	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Is-Scortum/*Therapon barcoo* hija speċi ta' ħuta tal-familja Terapontidae. Din hija speċi ta' ħuta tal-ilma ħelu endemika għall-Awstralja. Illum il-ġurnata qed titrabba fil-farms tal-ħut. Identifikazzjoni Tassonomika: Klassi: Actinopterygii > ordni: Perciformes > familja: Terapontidae > ġenus: *Therapon* jew *Scortum barcoo* Kompożizzjoni tal-laħam tal-ħuta: Proteini (%): 18-25 Ndewwa (%): 65-75 Irmied (%): 0,5-2,0 Enerġija (KJ/Kg): 6000-11500 Karboidrati (%): 0,0 Xaħam (%): 5-15 Aċidi xaħmim (mg FA/g fillet): Σ PUFA n-3: 1,2-20,0 Σ PUFA n-6: 0,3-2,0 PUFA n-3/n-6: 1,5-15,0 Total tal-aċidi omega 3: 1,6-40,0 Total tal-aċidi omega 6: 2,6-10,0
D-Tagatożju	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** It-tagatożju huwa prodott permezz tal-isomerizzazzjoni tal-galattożju b'konverżjoni kimika jew enzimatika, jew permezz tal-epimerizzazzjoni tal-fruttożju b'konverżjoni enzimatika. Dawn huma konverżjonijiet ta' pass wieħed. Dehra: Kristalli bojod jew kważi bojod Isem kimiku: D-tagatożju

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Sinonimu: D-*lyxo*-Essulożju Numru CAS: 87-81-0 Formula kimika: $C_6H_{12}O_6$ Piż tal-formula: 180,16 (g/mol) **Purità:** Assaġġ: ≥ 98 % abbażi tal-piż niexef Telf mat-tnixxif: ≤ 0,5 % (102 °C, 2 sigħat) Rotazzjoni Speċifika: $[\alpha]_D^{20}$: – 4 sa – 5,6° (1 % soluzzjoni milwiema)([1]) Medda tat-tidwib: 133-137 °C **Metalli tqal:** Ċomb: ≤ 1,0 mg/kg(*) (*) Iddetermina permezz ta' teknika tal-assorbiment atomiku xierqa għal-livell speċifikat. L-għażla tad-daqs tal-kampjuni u l-metodu tal-preparazzjoni tal-kampjuni jistgħu jkunu bbażati fuq il-prinċipji tal-metodu deskritt fl-FNP 5. "Metodi strumentali"[1]. ([1]) Food and nutrition paper 5 Rev 2 – Guide to specifications for general notices, general analytical techniques, identification tests, test solutions and other reference materials (JECFA) 1991, 307 p.; English – ISBN 92-5-102991-1
Estratt li fih ħafna tassifolina	**Deskrizzjoni:** L-estratt li fih ħafna tassifolina mill-injam tal-Lerċi tad-Daħurja (*Larix gmelinii* (Rupr.) Rupr) huwa trab abjad għal isfar ċar li jikkristallizza minn soluzzjonijiet milwiema jaħarqu. **Definizzjoni:** Isem kimiku: [(2R,3R)-2-(3,4 diidrossifenil)-3,5,7-triidrossi-2,3-diidrokromen-4-on, imsejjaħ ukoll (+) trans (2R,3R)- diidrokwerċetina] Formula kimika: $C_{15}H_{12}O_7$ Massa molekolari: 304,25 Da Nru CAS: 480-18-2 **Speċifikazzjonijiet:** *Parametru fiżiku* Ndewwa: ≤ 10 % *Analiżi tal-kompost* Tassifolina (m/m): ≥ 90,0 % tal-piż niexef

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Metalli tqal, Pestiċidi Ċomb: ≤ 0,5 mg/kg Arseniku: ≤ 0,02 mg/kg Kadmju: ≤ 0,5 mg/kg Merkurju: ≤ 0,1 mg/kg Diklorodifeniltrikloroetan (DDT): ≤ 0,05 mg/kg ***Solventi residwi*** Etanol: < 5 000 mg/kg ***Kriterji mikrobijoloġiċi*** Għadd Totali tal-Kolonji (TPC): ≤ 10^4 CFU/g Enterobatterji: ≤ 100/g Ħmira u Moffa : ≤ 100 CFU/g *Escherichia coli*: Assenti f'1 g *Salmonella*: Assenti f'10 g *Staphylococcus aureus*: Assenti f'1 g *Pseudomonas*: Assenti f'1 g **Il-medda normali tal-komponenti tal-estratt li fih ħafna tassifolina (bħala sustanza niexfa)** *Komponenti tal-estratt Kontenut, medda normalment osservata (%)* — *Komponenti tal-estratt Kontenut, medda normalment osservata (%)* Tassifolina — 90 – 93 Aromadendrina — 2,5 – 3,5 Erjodiktijol — 0,1 – 0,3 Kwerċetina — 0,3 – 0,5 Narinġenina — 0,2 – 0,3 Kempferolina — 0,01 – 0,1 Pinoċembrina — 0,05 – 0,12 Flavonojdi mhux identifikabbli 1 - 3 — 1 – 3 Ilma(*) — 1,5 (*) Fil-forma idratata tagħha, u waqt il-proċess tat-tnixxif, it-tassifolina hija kristall. Dan jirriżulta fl-inklużjoni tal-ilma tal-kristallizzazzjoni fi kwantità ta' 1,5 %.

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Trealożju	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Disakkarid li ma jirriduċix li jikkonsisti minn żewġ partijiet ta' glukożju marbutin b'rabta 1-glukożidika α-1. Jista' jinħoloq bi proċess enzimatiku b'ħafna passi mil-lamtu milwiem jew mis-sukrożju. Il-prodott kummerċjali huwa d-diidrat. Kważi bla riħa, kristalli bojod jew kważi bojod b'togħma ħelwa Sinonimi: α,α-trealożju Isem kimiku: diidrat ta' α-D-glukopiranosil-α-D-glukopiranosid Nru CAS: 6138-23-4 (diidrat) Formula kimika: $C_{12}H_{22}O_{11} \cdot 2H_2O$ (diidrat) Piż tal-formula: 378,33 (diidrat) Assaġġ: ≥ 98 % fuq il-bażi niexfa Iddetermina permezz ta' teknika tal-assorbiment atomiku xierqa għal-livell speċifikat. L-għażla tad-daqs tal-kampjuni u l-metodu tal-preparazzjoni tal-kampjuni jistgħu jkunu bbażati fuq il-prinċipji tal-metodu deskritt fl-FNP 5 (1), "Metodi strumentali" **Metodu tal-assaġġ:** Prinċipju: it-trealożju jiġi identifikat bil-kromatografija likwida u jiġi kkwantifikat bi tqabbil ma' standard referenzjali li jkun fih it-trealożju standard Preparazzjoni ta' soluzzjonijiet kampjuni: iżen bi preċiżjoni madwar 3 g mill-kampjun niexef tat-test għal ġo flask volumetriku ta' 100 ml u żid madwar 80 ml ilma dejonizzat ippurifikat. Ħoll il-kampjun kompletament u ddilwih sal-marka b'ilma dejonizzat ippurifikat. Iffiltra s-soluzzjoni b'filtru ta' 0,45 ta' majkron Preparazzjoni ta' soluzzjoni standard: iżen bi preċiżjoni kwantitajiet niexfa ta' trealożju ta' standard referenzjali u ħollhom fl-ilma biex tikseb soluzzjoni b'konċentrazzjoni magħrufa ta' madwar 30 mg ta' trealożju f'kull ml. Apparat: kromatografu likwidu mgħammar b'individwatur tal-indiċi rifrattiv u b'reġistratur integranti Kundizzjonijiet: Kolonna: Shodex Ionpack KS-801 (Showa Denko Co.) jew ekwivalenti — tul: 300 mm — dijametru: 10 mm — temperatura: 50 °C Fażi mobbli: ilma rata ta' fluss: 0,4 ml/min Volum tal-injezzjoni: 8 µl Proċedura: injetta separatament volumi ugwali tas-soluzzjoni kampjun u tas-soluzzjoni standard fil-kromatografu. Irreġistra l-kromatogrammi u kejjel id-daqs tar-reazzjoni tal-ogħla livell tat-trealożju Ikkalkula l-kwantità ta' mg ta' trealożju f'1 ml tas-soluzzjoni kampjun bil-formula li ġejja:

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	% trealożju = 100 × (R_U/R_S) (W_S/W_U) meta R_S = l-erja tal-ogħla livell tat-trealożju fil-preparazzjoni standard R_U = l-erja tal-ogħla livell tat-trealożju fil-preparazzjoni kampjun W_S = il-piż f'mg tat-trealożju fil-preparazzjoni standard W_U = il-piż tal-kampjun niexef f'mg **Karatteristiċi:** Identifikazzjoni: Solubbiltà: Solubbli faċilment fl-ilma, kemxejn solubbli fl-etanol Rotazzjoni speċifika: $[\alpha]_D^{20}$ = +179° (5 % soluzzjoni milwiema, diidrat), +199° (5 % soluzzjoni milwiema, sustanza anidra) Punt tat-titwib: 97 °C (diidrat) **Purità:** Telf mat-tnixxif: ≤ 1,5 % (60 °C, 5 sigħat) Irmied totali: ≤ 0,05 % **Metalli tqal:** Ċomb: ≤ 1,0 mg/kg
Faqqiegħ ittrattat bil-UV (*Agaricus bisporus*)	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Faqqiegħ *Agaricus bisporus* imkabbar kummerċjalment li jiġi ttrattat b'dawl UV meta jinħasad. Radjazzjoni UV: proċess ta' radjazzjoni bid-dawl ultravjola fil-frekwenza ta' 200-800 nm. **Vitamina D_2:** Isem kimiku: (3β,5Z,7E,22E)-9,10-sekoergosta-5,7,10(19),22-tetraen-3-ol Sinonimu: Ergokalċiferol Nru CAS: 50-14-6 Piż molekulari: 396,65 g/mol **Kontenut:** Vitamina D_2 fil-prodott finali: 5-10 µg/100 g piż frisk mal-iskadenza ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa


▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Ħmira tal-furnara ttrattata bil-UV (*Saccharomyces cerevisiae*)	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-ħmira tal-furnara (*Saccharomyces cerevisiae*) tiġi ttrattata b'dawl ultravjola biex l-ergosterol jiġi kkonvertit f'vitamina D_2 (ergokalċiferol). Il-kontenut tal-vitamina D_2 fil-konċentrat tal-ħmira jvarja bejn 1 800 000 u 3 500 000 IU ta' vitamina D/100 g (450-875 µg/g). Granuli ġierja lewn il-kannella ċar **Vitamina D_2:** Isem kimiku: (5Z,7E,22E)-3S-9,10-sekoergosta-5,7,10(19),22-tetraen-3-ol Sinonimu: Ergokalċiferol Nru CAS: 50-14-6 Piż molekulari: 396,65 g/mol **Kriterji mikrobijoloġiċi tal-konċentrat tal-ħmira:** Koliformi: $\leq 10^3$/g *Escherichia coli*: $\leq$ 10/g *Salmonella*: Assenti f'25 g
Ħobż ittrattat bil-UV	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-ħobż ittrattat bir-radjazzjoni UV huwa ħobż u bziezen bil-ħmira (mingħajr affarijiet miżjuda fil-wiċċ) li jkunu ġew ittrattati bir-radjazzjoni ultravjola wara l-ħami sabiex l-ergosterol jinbidel f'vitamina D_2 (f'ergokalċiferol). Radjazzjoni UV: Proċess ta' radjazzjoni bid-dawl ultravjola fil-frekwenza ta' 240 sa 315 nm għal mhux aktar minn 5 sekondi b'input tal-enerġija ta' 10 sa 50 mJ/cm^2. **Vitamina D_2:** Isem kimiku: (5Z,7E,22E)-3S-9,10-sekoergosta-5,7,10(19),22-tetraen-3-ol Sinonimu: Ergokalċiferol Nru CAS: 50-14-6 Piż molekulari: 396,65 g/mol **Kontenut**: Vitamina D_2 (ergokalċiferol) fil-prodott finali: 0,75-3 µg/100 g([1]) Ħmira fl-għaġina: 1-5 g/100 g([2]) ([1]) EN 12821, 2009, Standard Ewropew. ([2]) Kalkolu tar-riċetta.

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Halib ittrattat bil-UV	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-ħalib ittrattat bir-radjazzjoni UV huwa ħalib tal-baqra (sħiħ u semixkumat) li wara l-pasturizzazzjoni, jiġi ttrattat bir-radjazzjoni ultravjola (UV) permezz ta' fluss turbulenti. It-trattament tal-ħalib ippasturizzat bir-radjazzjoni UV jirriżulta f'żieda ta' konċentrazzjonijiet ta' vitamina D_3 (kolekalċiferol) permezz tal-konverżjoni ta' 7-deidrokolesterol fil-vitamina D_3. Radjazzjoni UV: Proċess ta' radjazzjoni bid-dawl ultravjola fil-frekwenza ta' 200-310 nm b'input tal-enerġija ta' 1 045 J/l. **Vitamina D_3:** Isem kimiku: (1S,3Z)-3-[(2E)-2-[(1R,3aS,7aR)-7a-metil-1-[(2R)-6-metileptan-2-il]-2,3,3a, 5,6,7-eżaidro-1H-inden-4-iliden]etiliden]-4-metilidenċikloeżan-1-ol Sinonimu: Kolekalċiferol Nru CAS: 67-97-0 Piż molekulari: 384,6377 g/mol **Kontenut**: Vitamina D_3 fil-prodott finali: Ħalib sħiħ([1]): 0,5-3,2 µg/100 g([2]) Ħalib semixkumat(1): 0,1-1,5 µg/100 g([2]) ([1]) Kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671). ([2]) HPLC
Il-vitamina K_2 (menakwinon)	Dan l-ikel ġdid huwa prodott permezz ta' proċess sintetiku jew mikrobijoloġiku. Il-Vitamina K_2 (2-metil-3-kollu-trans-poliprenil-1,4-naftokwinoni), jew is-serje menakwinon, hija grupp ta' derivattivi tan-naftokwinon prenilat. L-għadd ta' residwi tal-isopren, meta unità waħda ta' isopren fiha ħames karboni li jagħmlu l-katina laterali, jintuża biex jikkaratterizza l-omologi tal-menakwinon li fihom primarjament MK-7 u b'mod aktar limitat MK-6. Is-serje tal-Vitamina K_2 (menakwinoni) bil-menakwinon-7 (MK-7)(n = 6) tkun $C_{46}H_{64}O_2$, menakwinon-6 (MK-6)(n = 5) tkun $C_{41}H_{56}O_2$ u menakwinon-4 (MK-4)(n = 3) tkun $C_{31}H_{40}O_2$. Isem Kimiku: (kollha-E)-2-(3,7,11,15,19,23,27-Eptametil-2,6,10,14,18,22,26-oktakosaeptaenil)-3-metil-1,4-naftalenedion Numru CAS: 2124-57-4 Formula molekulari: $C_{46}H_{64}O_2$

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Piż molekulari: 649 g/mol  *2-metil-1,4-naftokwinon (frazzjoni ta' menadjon)* ***Speċifikazzjoni tal-Vitamina K_2 sintetika (menakwinon-7)*** Dehra: Trab isfar Purità: Massimu ta' 6,0 % ċis-isomeru, massimu ta' 2,0 % impuritajiet oħrajn Kontenut: 97-102 % Menakwinon-7 (li jinkludi mill-inqas 92 % it-trans-Menakwinon-7 kollha) ***Speċifikazzjonijiet tal-Vitamina K_2 li ssir b'mod mikrobijoloġiku (menakwinon-7)*** Sors: *Bacillus subtilis* spp. natto u *Bacillus licheniformis* Dehra: Trab isfar jew sospensjoni ta' żejt
Estratt tan-nuħħala tal-qamħ	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Trab kristallin abjad li jinkiseb permezz ta' estrazzjoni enzimatika min-nuħħala tat-*Triticum aestivum* L. li fiha ħafna oligosakkaridi arabinossilan Materja niexfa: Minimu ta' 94 % Oligosakkaridi arabinossilan: Minimu ta' 70 % ta' materja niexfa Grad medju tal-polimerizzazzjoni tal-oligosakkaridi arabinossilan: 3-8 Aċidu feruliku (marbut mal-oligosakkaridi arabinossilan): 1-3 % ta' materja niexfa Total ta' poli/oligosakkaridi: Minimu ta' 90 % Proteina: Massimu ta' 2 % ta' materja niexfa Rmied: Massimu ta' 2 % ta' materja niexfa

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Parametri mikrobijoloġiċi: Batterji mesofiliċi - l-għadd totali: Massimu ta' 10 000/g Ħmejjer: Massimu ta' 100/g Faqqiegħ: Massimu ta' 100/g *Salmonella*: Assenti f'25 g *Bacillus cereus*: Massimu ta' 1000/g *Clostridium perfringens*: Massimu ta' 1000/g

▼M19

Ksilo-oligosakkaridi

Deskrizzjoni:

L-ikel ġdid huwa taħlita ta' ksilo-oligosakkaridi (XOS) li jinkisbu miċ-ċifċiegħ tal-qamħirrum (*Zea mays* sottospeċi *mays*) permezz tal-idroliżi bi ksilanaża mit-*Trichoderma reesei*, segwita minn proċess ta' purifikazzjoni.

Karatteristiċi/Kompożizzjoni

Parametru	Forma ta' trab 1	Forma ta' trab 2	Forma ta' ġulepp
Ndewwa (%)	≤ 5,0	≤ 5,0	70-75
Proteina (g/100 g)	< 0,2		
Rmied (%)	≤ 0,3		
pH	3,5-5,0		
Total tal-kontenut ta' karboidrati (g/100 g)	≥ 97	≥ 95	≥ 70
Kontenut ta' XOS (bażi niexfa) (g/100 g)	≥ 95	≥ 70	≥ 70
Karboidrati oħra (g/100 g) ([a])	2,5-7,5	2-16	1,5-31,5
Total ta' monosakkaridi (g/100 g)	0-4,5	0-13	0-29
Glukożju (g/100 g)	0-2	0-5	0-4
Arabinożju (g/100 g)	0-1,5	0-3	0-10
Ksilożju (g/100 g)	0-1,0	0-5	0-15
Total ta' disakkaridi (g/100 g)	27,5-48	25-43	26,5-42,5

▼M19

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet			
	Ksilobijożju (XOS DP2) (g/100 g)	25-45	23-40	25-40
	Ċellobijożju (g/100 g)	2,5-3	2-3	1,5-2,5
	Total ta' oligosakkaridi (g/100 g)	41-77	36-72	32-71
	Ksilotri,ożju (XOS DP3) (g/100 g)	27-35	18-30	18-30
	Ksilotetraożju (XOS DP4) (g/100 g)	10-20	10-20	8-20
	Ksilopentaożju (XOS DP5) (g/100 g)	3-10	5-10	3-10
	Ksiloeżaożju (XOS DP6) (g/100 g)	1-5	1-5	1-5
	Ksiloettaożju (XOS DP7) (g/100 g)	0-7	2-7	2-6
	Maltodestrina (g/100 g) ([b])	0	20-25	0
	Ram (mg/kg)	< 5,0		
	Ċomb (mg/kg)	< 0,5		
	Arseniku (mg/kg)	< 0,3		
	Salmonella (CFU ([c])/25 g)	Negattiv		
	E. coli (MPN ([d])/100 g)	Negattiv		
	Ħmira (CFU/g)	< 10		
	Moffa (CFU/g)	< 10		
	DP: Degree of polymerization (Grad ta' polimerizzazzjoni) ([a]) Karboidrati oħra jinkludu l-monosakkaridi (glukożju, ksilożju u arabinożju) u ċ-ċellobijożju. ([b]) Il-kontenut ta' maltodestrina huwa kkalkulat skont l-ammont miżjud fil-proċess. ([c]) CFU: Colony Forming Units (Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji) ([d]) MPN: Most Probable Number (Numru l-Iktar Probabbli)			

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
▼M30	
Bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica*	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-ikel ġdid huwa l-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* mnixxfa u meqruda bis-sħana. **Karatteristiċi/Kompożizzjoni:** Proteina: 45-55 g/100 g Fibra: 24-30 g/100 g Zokkor: < 1,0 g/100 g Xaħam: 7-10 g/100 g Irmied totali: ≤ 12 % Kontenut ta' ilma: ≤ 5 % Kontenut ta' materja niexfa: ≥ 95 % **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd Mikrobjali Aerobiku Totali: ≤ 5×10^3 CFU/g Għadd ta' Ħmira u Moffa Totali: ≤ 10^2 CFU/g Ċelloli vijabbli tal-*Yarrowia lipolytica* ([10]): < 10 CFU/g (jiġifieri l-limitu ta' detezzjoni) Koliformi: ≤ 10 CFU/g *Salmonella* spp.: Nuqqas f'25 g
▼M9	
Betaglukani mill-ħmira	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-betaglukani huma polisakkaridi kumplessi b'massa molekolari għolja (100 - 200 kDa), li jinsabu fil-ħitan taċ-ċelloli ta' bosta ħmejjer u ċereali. L-isem kimiku tal-"betaglukani tal-ħmira" huwa (1-3),(1-6)-ß-D-glukani. Il-betaglukani jikkonsistu minn struttura ta' residwi tal-glukożju marbuta fi ß-1-3 li huma mifruqa b'konnessjonijiet ta' ß-1-6, li huma konnessi magħhom il-kitina u l-mannoproteini b'rabtiet ta' ß-1-4. Il-betaglukani jiġu iżolati mill-ħmira *Saccharomyces cerevisiae*. L-istruttura terzjarja tal-ħitan taċ-ċelloli tal-glukan tas-*Saccharomyces cerevisiae* tikkonsisti fi ktajjen ta' residwi marbutin ß-1,3 tal-glukożju, mifruqa b'ħolqiet ß-1,6, li jiffurmaw sinsla li magħha hemm marbutin il-kitina permezz ta' rabtiet ß-1,4, il-glukani ß-1,6 u xi mannoproteini.

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Dan l-ikel ġdid jinsab fi tliet forom differenti: solubbli, insolubbli u insolubbli fl-ilma, iżda dispersibbli f'ħafna matriċi likwidi. **Il-karatteristiċi kimiċi tal-beta-glukani tal-ħmira (*Saccharomyces cerevisiae*):** **Forma solubbli:** Karboidrati totali: > 75 % Beta-glukani (1,3/1,6): > 75 % Rmied: < 4,0 % Ndewwa: < 8,0 % Proteina: < 3,5 % Xaħam: < 10 % **Forma insolubbli:** Karboidrati totali: > 70 % Beta-glukani (1,3/1,6): > 70 % Rmied: ≤ 12 % Ndewwa: < 8,0 % Proteina: < 10 % Xaħam: < 20 % **Insolubbli fl-ilma, imma dispersibbli f'ħafna matriċi likwidi:** (1,3)-(1,6)-ß-D-Glukani: > 80 % Rmied: < 2,0 % Ndewwa: < 6,0 % Proteina: < 4,0 % Total ta' xaħam: < 3,0 % *Data mikrobijoloġika solubbli għal insolubbli fl-ilma, iżda dispersibbli f'ħafna matriċi likwidi:* Għadd totali tal-kolonji: < 1 000 CFU/g Enterobacteriacae: < 100 CFU/g Koliformi totali: < 10 CFU/g

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Ħmira: < 25 CFU/g Moffa: < 25 CFU/g *Salmonella*: Assenti f'25 g *Escherichia coli*: Assenti f'1 g *Bacillus cereus*: < 100 CFU/g *Staphylococcus aureus*: Assenti f'1 g *Metalli tqal għal insolubbli fl-ilma, iżda dispersibbli f'ħafna matriċi likwidi:* ►**M31** Ċomb: < 0,2 mg/kg Arseniku: < 0,2 mg/kg Merkurju: < 0,1 mg/kg Kadmju: < 0,1 mg/kg ◄
Żeaksantina	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Iż-żeaksantina hija pigment taż-żantofill li huwa naturali, huwa karotenojdu ossiġenat. Iż-żeaksantina sintetika hija ppreżentata jew bħala trab imnixxef bl-atomizzazzjoni li jkollu bażi ta' ġelatina jew ta' lamtu ("żibġiet żgħar") miżjud bl-α-tokoferol u bil-palmitat tal-askorbil inkella jiġi ppreżentat bħala sospensjoni ta' żejt tal-qamħirrum bl-α-tokoferol miżjud. Iż-żeaksantina sintetika hija prodotta permezz ta' sintesi kimika minn molekuli iżgħar li ssir f'diversi stadji. Trab kristallin ta' lewn aħmar jagħti fl-oranġjo bi ftit li xejn riħa. Formula kimika: $C_{40}H_{56}O_2$ Nru CAS: 144-68-3 Piż molekulari: 568,9 daltons **Karatteristiċi fiżikokimiċi:** Telf mat-tnixxif: < 0,2 % Transżeaksantina kollha: > 96 % Ċis-żeaksantina: < 2,0 % Karotenojdi oħrajn: < 1,5 % Ossidu tat-trifenilfosfina (Nru CAS 791-28-6): < 50 mg/kg

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
L-pidolat taż-żingu	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-pidolat taż-żingu huwa trab abjad għal abjad miksur b'riħa karatteristika. Denominazzjoni internazzjonali komuni (INN): Aċidu L-piroglutamiku, melħ taż-żingu Sinonimi: 5-ossoprolin taż-żingu, piroglutamat taż-żingu, pirrolidon karbossilat taż-żingu, Żingu PCA, L-pidolat taż-żingu Nru CAS: 15454-75-8 Formula molekulari: $(C_5\ H_6\ NO_3)_2\ Zn$ Massa molekolari anidra relattiva: 321,4 Dehra: Trab ta' lewn abjad għal abjad maħmuġ **Purità:** L-pidolat taż-żingu (purità): ≥ 98 % pH (soluzzjoni milwiema ta' 10 %): 5,0-6,0 Rotazzjoni speċifika: 19,6 °- 22,8 ° Ilma: ≤ 10,0 % Aċidu glutamiku: < 2,0 % **Metalli tqal:** Ċomb: ≤ 3,0 ppm Arseniku: ≤ 2,0 ppm Kadmju: ≤ 1,0 ppm Merkurju: ≤ 0,1 ppm

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Kriterji mikrobijoloġiċi: Għadd totali ta' batterji mesofiliċi vijabbli: ≤ 1 000 CFU/g Ħmira u moffa: ≤ 100 CFU/g Patoġenu: Assenti

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1)

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/175 tal-5 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi li jistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjoni għall-gomma tal-gwar li toriġina mill-Indja jew li tintbagħat minn hemm, minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni mill-pentaklorofenol u mid-dijossini (ĠU L 30, 6.2.2015, p. 10)

►M15 (3) Metodu OSC-DMAC (4-dimetilamminokinnamaldeid) (Ocean Spray Cranberries, Inc) Martin MA, Ramos S, Mateos R, Marais JPJ, Bravo-Clemente, L, Khoo C and Goya L. Food Res Intl 2015 71: 68-82. Modified from Cunningham DG, Vannozzi S, O'Shea E, Turk R (2002) In: Ho C-T, Zheng QY (eds) Quality Management of Nutraceuticals ACS Symposium series 803, Washington DC. *Quantitation of PACs by DMAC Color Reaction pp* 151-166.

(4) Metodu BL-DMAC (4-dimetilamminokinnamaldeid) (Brunswick Lab) Validazzjoni minn bosta laboratorji ta' metodu standard għall-kwantifikazzjoni tal-proantoċjanidini fit-trabijiet tal-cranberries. Prior RL, Fan E, Ji H, Howell A, Nio C, Payne MJ, Reed J. *J Sci Food Agric.* 2010 Jul;90(9):1473-8.

(5) Il-valuri differenti għal dawn it-tliet parametri huma minħabba l-metodi differenti użati.

(6) GAE: Gallic Acid Equivalents (Ekwivalenti ta' Aċidu Galliku).

(7) CFU: Colony Forming Units (Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji). ◄

►M29 (8) HPLC/RI: Kromatografija likwida ta' prestazzjoni għolja flimkien ma' detezzjoni tal-indiċi rifrattiv.

(9) CFU: Unità li tifforma kolonja. ◄

(10) Iridu jiġu ttestjati immedjatament wara l-pass tat-trattament bis-sħana. Il-miżuri jridu jkunu fis-seħħ biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata biċ-ċelloli vijabbli tal-*Yarrowia lipolytica* waqt l-imballaġġ u/jew il-ħżin tal-ikel ġdid.

(11) 3'-Fukosillattożju, 2'-Fukosil-galattożju, Glukożju, Galattożju, Mannitol, Sorbitol, Galattitol, Trieżożju, Allo-lattożju u karboidrati oħra strutturalment relatati.